



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0212 (COD)**

**9615/18
ADD 2**

**ECOFIN 553
UEM 226
CADREFIN 63
CODEC 939
IA 169**

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Mejju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 387 final ANNEX 2
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 387 final ANNEX 2.

Mehmuż: COM(2018) 387 final ANNEX 2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.5.2018
COM(2018) 387 final

ANNEX 2

ANNESS

tal-

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
dwar l-istabbiliment ta' Funzjoni Ewropea ta' Stabbilizzazzjoni tal-Investimenti**

{SEC(2018) 277 final} - {SWD(2018) 297 final} - {SWD(2018) 298 final}

ANNEX II

MONITORAĠĠ TAL-INDIKATURI GĦAR-RAPPORTAR U R-RIEŻAMI

1. Kamp ta' applikazzjoni

Skont l-Artikolu 22 tar-Regolament u l-paragrafu 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali għat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tas-13 ta' April 2016, jeħtieġ li ssir evalwazzjoni tar-Regolament sabiex tiġi żgurata l-valutazzjoni effettiva tal-progress tar-Regolament lejn il-kisba tal-oġġettivi stipulati fil-premessa 35 u l-Artikolu 1.

Dan se jsir fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati regolamentazzjoni żejda u piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri. Dawn ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jistgħu jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tar-Regolament fuq il-post.

2. Indikaturi

Fil-kuntest tar-rieżami u tar-rapportar imsemmija fl-Artikolu 22, il-Kummissjoni tista' tuża l-indikaturi li ġejjin biex tirrieżamina u tirrapporta dwar il-progress tar-Regolament lejn il-kisba tal-oġġettivi tiegħu:

(a) il-PDG;

(b) il-miżuri tal-marġni tal-potenzjal tal-produzzjoni;

(c) l-impjieg, ir-rata ta' qgħad, ir-rati ta' parteċipazzjoni, l-indikaturi tal-impjieg part-time, is-siġhat maħduma;

(d) il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss tal-amministrazzjoni pubblika, inkluża d-data settorjali;

(e) il-formazzjoni grossa tal-kapital fiss iffinanzjata mill-programmi appoġġjati mill-Unjoni skont il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali;

(f) il-kontijiet tal-amministrazzjoni pubblika, inkluż il-bilanċ baġitarju, il-bilanċ baġitarju aġġustat ċiklikament, il-pożizzjoni baġitarja, id-defiċit pubbliku, id-dejn, ix-xejriet tad-dħul, inkluż dħul mhux previst u nuqqasijiet, l-istabilizzaturi awtomatiċi, in-nefqa fuq l-imgħax;

(g) id-data tas-suq finanzjarju, bħar-rati tal-imgħax ta' bonds sovrani.